



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2026
(OR. en)

14572/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0263(NLE)**

**PROBA 45
AGRI 535
WTO 98
DEVGEN 192
FORETS 105**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

dwar l-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè tal-2007 (il-“Ftehim tal-2007”) u membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè (ICO). Il-Ftehim tal-2007 ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE¹ u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2011.
- (2) Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal emendi għall-Ftehim tal-2007.
- (3) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u t-test tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè (il-“Ftehim tal-2022”) ġie approvat mill-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè fil-133 Sessjoni Speċjali tiegħu fid-9 ta' Ġunju 2022.
- (4) Il-Ftehim tal-2022 jaġġorna l-bilanċ tas-sistemi tal-votazzjoni u tal-kontribuzzjonijiet u jindirizza l-integrazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-ICO. Il-Ftehim tal-2022 iqis l-oġġettivi tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni filwaqt li jżomm in-natura intergovernattiva tal-ICO.
- (5) Il-Ftehim tal-2022 għandu jissostitwixxi l-Ftehim tal-2007, li ġie estiż sal-1 ta' Frar 2028. L-Unjoni hija parti Kontraenti għall-Ftehim tal-2007, u għaldaqstant huwa fl-interess tagħha li tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim tal-2022.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007 (ĠU L 186, 15.7.2008, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/579/oj>).

- (6) Skont il-Ftehim tal-2022, jenħtieġ li l-Unjoni, mal-iffirmar u r-ratifika, tiddikjara l-kompetenza esklużiva tagħha fuq kwistjonijiet irregolati mill-Ftehim tal-2022 u tiddepożita dikjarazzjoni mad-Depożitarju.
- (7) Għalhekk, il-Ftehim tal-2022 jenħtieġ li jiġi ffirmat u d-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza mehmuża ma' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim²⁺.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza meħtieġa mill-Artikolu 44(4) tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè mehmuża ma' din id-Deċiżjoni hija b'dan approvata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

² It-test tal-Ftehim tal-2022 huwa ppubblikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*].

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 14818/25.

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA
F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 44(4)
TAL-FTEHIM INTERNAZZJONALI TAL-2022 DWAR IL-KAFÈ

F'konformità mal-Artikolu 44(4) tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè, l-Unjoni Ewropea tiddikjara li, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kwistjonijiet irregolati mill-Ftehim jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont il-politika kummerċjali komuni u għalhekk l-Istati Membri mhux ser ikunu qed jirratifikaw il-Ftehim.
